MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1037/2010

**Kumpilazzjoni Numru: 1037/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nicola Baldacchino, ta' 61 sena, imwieled s-Siggiewi nhar il-21 ta' Lulju, 1949, bin il-mejjet Nikola u l-mejta Josephine nee' Bonello, residenti gewwa Numru 16, Ta' Guza', Triq San Gwann, Siggiewi, SGW 1453 u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 606049(M).

Akkuzat talli:

Nhar it-08 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta ta' bejn is-06:30am u s-07:30am gewwa Pjazza San Nikola, Siggiewi volontarjament ikkaguna lil Giuseppe Cassar griehi ta' natura gravi, skond kif iccertifikat Dr.Sarah Azzopardi M.D Reg No. 5216 tac-centru tas-Sahha ta' Hal Qormi;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Giuseppe Cassar sabiex jingurjah, iddejjqu jew jaghmillu hsara;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Giuseppe Cassar biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insulenta lil Antonia Cassar;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

L-esponent talab li din il-Qorti, biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-artikoli 214, 216, 251B, 338(dd) u 339(1)(d)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu .

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident u min-naha l-ohra

l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghasl dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216, 251B, 338(dd) u 339(1)(d)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Giuseppe Cassar u Antonia Cassar u ghaz-zamma ta'l-ordni pubbliku, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nniffsu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn Euro (€2,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------